**18 ta' Novembru, 1987**

**Imħallfin: –**

**S.T.O. Hugh Harding B.A., LL.D., F.S.A., F.R.Hist.S. – President**
**Onor. Joseph A. Herrera Bl.Can., Lic.Can., LL.D.**
**Onor. Carmelo A. Agius B.A., LL.D.**

Peter Azzopardi

*versus*

Raymond Camilleri

**Kambjala – Awtonomija – *Audi Alteram Partem* – Prinċipju ta' Ġustizzja Naturali – Sentenza – Ritwalità ta' – Nullità ta'**

*L-ewwel Qorti kkundannat lill-konvenut iħallas fuq kambjala.*

*Il-Qorti ta l-Appell annullat is-sentenza ta' l-ewwel Qorti għaliex is-sentenza ta' l-ewwel Qorti vvjolat il-prinċipju ta' ġustizzja naturali audi aterlam partem. L-Atti ġew rimessi għall-ewwel Qorti għall-kontinwazzjoni.*

Il-Qorti: –

Rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Kummerċ li bih l-attur *nomine,* wara li ppremetta *li l-konvenut* aċċetta kambjala tal-valur ta' mitejn lira maltija (Lm200) hawn esebita u mmarkata Dok. A; u billi din il-kambjala skadiet iżda baqgħet ma tħallsitx; *nonostante* li l-konvenut ġie interpellat sabiex iħallasha; l-istess attur *nomine* talab li dik il-Qorti: (1) tikkundannah iħallas lill-attur *nomine* s-somma ta' mitejn lira maltija (Lm200) valur ta' kambjala minnu aċċettata, liema kambjala skadiet u baqgħet ma tħallsitx; (2) tikkundannah iħallas l-imgħaxijiet kummerċjali mid-data ta' l-iskadenza tal-kambjala; (3) iħallas l-ispejjeż ta' din il-kawża inklużi ittra interpellatorja ta' l-4 ta' Jannar, 1984;

Rat id-dikjarazzjoni u n-nota tax-xhieda ta' l-attur *nomine;*

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut li biha

eċċepixxa:

(1) Illi l-kambjala msemmija hi bla kawża billi l-kawża hija falza;

(2) Illi jekk il-konvenut jiġi kkundannat iħallsu l-ammont tal-kambjala dan jikkostitwixxi bażi soda għal kawża oħra kontra l-attur *nomine* għab-bażi ta' l-*"actio de in rem verso"*;

B'riserva ta' eċċezzjonijiet oħra;

Rat id-dikjarazzjonijiet u n-nota tax-xhieda tal-konvenut;

Rat is-sentenza ta' l-Onorabbli Qorti tal-Kummerċ tat-18 ta' April, 1986, li biha ddeċidiet billi, fil-waqt li rriservat kull dritt spettanti lill-konvenut *"si et quatenus"*, laqgħet l-ewwel talba ta' l-attur *nomine* u wkoll it-talbiet l-oħra kif dedotti dwar l-imgħaxijiet kummerċjali u l-ispejjeż tal-kawża – b'dan però li dawn it-talbiet għall-fini tat-tassazzjoni m'għandhomx jitqiesu talbiet separati, u dan wara li kkunsidrat:

"Illi mill-provi akkwiżiti għall-proċess jidher li fit-18 ta' Novembru, 1983, il-konvenut ftiehem ma' ċertu Michael Micallef li jsir tpartit ta' karrozzi, ċjoè l-konvenut jassenja *car* J – 0108 u Lm200 lil Micallef u dan jassenja lill-konvenut *car* N – 4666. Illi l-liċenzja ta' din il-karrozza kienet fuq isem l-attur, u fl-istess data ġiet iffirmata u aċċettata mill-konvenut il-kambjala esebita a fol. 4 tal-proċess. Ma rriżultax preċiżament għaliex sar hekk. Jirriżulta li wara li ġiet ipprezentata din il-kawża l-konvenut ħassar in-negozju li kellu ma' Micallef u dan sar bi skrittura tas-16 ta' Awissu, 1984 esebita a fol. 7 tal-proċess";

"F'dik l-iskrittura ġie *inter alia* ddikjarat mill-konvenut u dan Michael Micallef li s-somma ta' Lm200 indikata fil-kambjala in kwistjoni "hija l-kontra partita tal-ftehim ta' tpartit tat-18 ta' Novembru, 1984" li ġie xolt u reż bla ebda effett bis-saħħa ta' l-iskrittura tas-16 ta' Awissu, 1984";

"Illi l-konvenut isostni bl-ewwel eċċezzjoni tiegħu illi l-kambjala msemmija hija bla kawża billi l-Lm200 li kellu jħallas il-konvenut lil Michael Micallef illum ma humiex dovuti";

"Illi fil-fehma tal-Qorti, din l-eċċezzjoni ma hijiex fondata, peress li l-obbligazzjoni naxxenti mill-kambjala hija indipendenti mill-*"causa obbligationis"* li minħabba fiha nħarġet l-istess kambjala";

"Infatti hu risaput illi fost il-kwalitajiet speċjali li għandhom il-kambjali hemm dik li l-obbligazzjoni naxxenti mill-kambjala hija min-natura tagħha stess **obbligazzjoni astratta.** Il-Professur Cremona fin-noti tiegħu f'paġna 477 ifisser dan il-konċett *inter alia* b'dan il-kliem:

*"The moment a person signs the bill of exchange.....the obligation arising from that signature is considered to be complete in itself; it acquires a juridical existence which is considered separate, distinct and independent from the original and fundamental contract entered into between the parties concerned. The law identifies the obligation created or evinced by its bill with the signature placed thereon. Accordingly, a party to a bill would be liable thereon, not because of any pre-existing obligations, but merely because he did actually sign the bill";*

"Dana ma jfissirx li l-kambjala tista' tkun meħtieġa

mingħajr konsiderazzjoni jew għal xi konsiderazzjoni li tkun illeċita għaliex hu risaput ilìi *"fraus omnia corrumpit"*. Ifisser li sakemm il-kambjala tinħareġ għal xi raġuni li tkun leċita u legali, il-*"causa obbligations"*, kif jgħid *"Navarrini"* *"rimane fuori dal titolo"*;

"Il-kambjala hija wkoll awtonoma fis-sens li ma hijiex dipendenti minn drittijiet ta' ħaddieħor, hija wkoll inkondizzjonata fis-sens li l-kambjala ma tistax tkun imtaqqla b'kondizzjonijiet għax inkella l-posizzjoni tal-pussessur tkun ferm prekarja – ħaġa li tmur kontra l-istess skop tal-kambjala'";

"Illi fil-każ odjern il-kambjala ma tistax titqies li inħarġet u tibqa' *in vigore* diment li n-negozju bejn il-konvenut u Micallef jibqa' jseħħ";

"Illi jekk il-konvenut xtaq li joqtol l-obbligazzjoni naxxenti mill-kambjala jidher li kien ikun ferm aktar prudenti kieku minflok ma injora l-attur u injora l-obbligazzjoni assunta bil-kambjala l-istess konvenut ħaseb biex daħħal lill-attur fil-ftehim li bih ġie xolt in-negozju tat-tpartit bejnu u bejn Micallef";

"Illi f'dawn iċ-ċirkostanzi l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut ma hijiex fondata";

"Illi dwar it-tieni eċċezzjoni, din il-Qorti hi tal-fehma li kull ma għandha tagħmel hawn huwa li tirriserva kull dritt spettanti lill-konvenut f'każ li hu jintavola l-kawża a bażi ta' l-*"actio de in rem verso"* jew a bażi ta' xi azzjoni oħra. Dana jingħad b'applikazzjoni ta' l-artikolu 254 tal-Kodiċi tal-Kummerċ u a bażi tal-ġurisprudenza ċċitata mill-abili difensur ta' l-attur *nomine* fin-nota ta' osservazzjonijiet tiegħu";

"U in vista taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, fosthom ukoll li s-somma in kwistjoni ma tistax titqies li hi xi somma kbira, din il-Qorti jidhrilha li ma hemmx bżonn li timponi xi garanzija skond is-subartikolu (2) ta' l-imsemmi artikolu";

Rat in-nota ta' l-appell tal-konvenut Raymond Camilleri a fol. 27 u a fol. 33 sa 36 il-petizzjoni ta' l-appell tiegħu li permezz tagħha talab li din il-Qorti jogħġobha tirrevoka s-sentenza appellata u tibgħat lura l-atti lill-Ewwel Qorti biex ikun jista' jagħti x-xiehda tiegħu jew li din il-Qorti tiddeċidi hi l-kawża wara li tieħu konjizzjoni tal-provi produċibbli minnu u f'dan il-każ takkolji l-eċċezzjonijiet tiegħu skond il-liġi bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-attur appellat;

Rat a fol. 39 ir-risposta ta' l-appell ta' l-attur *nomine* li biha għar-raġunijiet ikkontenuti fiha ssottometta li l-appell kellu jiġi miċħud;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Semgħet it-trattazzjoni;

Ikkunsidrat:

Illi l-ewwel aggravju tal-konvenut appellant li din il-Qorti għandha quddiemha jirrigwarda r-ritwalità tas-sentenza stess;

L-appellant isostni li s-sentenza appellata li ġiet mogħtija bħala waħda "definittiva" kellha tkun sentenza in parti. Din is-sentenza in parti kellha tingħata għar-rigward jekk il-Qorti setgħetx tagħtih il-fakoltà li jġib il-provi tiegħu rigward l-eċċezzjonijiet li sostna. L-appellant spjega li d-diffikultà prinċipali

kienet, jekk kemm-il darba hu setax jipproduċi provi dwar il-kawża tal-kambjali jew provi oħra li jidħlu fil-kwalitajiet ta' sostanza u mhux sempliċement a bażi ta' formalitajiet u f'dan is-sens hu kien ippreżenta żewġ noti ta' osservazzjonijiet;

Fir-rigward ta' dan l-aggravju l-attur *nomine* appellat irrileva li jirriżulta ampjament mill-verbali li l-kawża tħalliet għas-sentenza fuq il-mertu kollu u mhux biss fuq il-kwistjoni mqajma mill-konvenut. Fil-fatt, isostni l-appellat, kien evidenti anke mill-atti stess li fil-każ ta' eżitu negattiv għall-konvenut dwar l-ewwel eċċezzjoni hu ma kienx jibqagħlu eċċezzjonijiet x'jagħti u tali sentenza kienet tiddefinixxi l-mertu kollu tal-kawża u fil-fatt hekk ġara;

Ikkunsidrat:

Illi jiġi osservat mill-ewwel li s-sottomissjoni ta' l-appellat *nomine* li mill-verbal "jirriżulta ampjament li l-kawża taħlliet għas-sentenza fuq il-mertu kollu mhux biss fuq il-kwistjoni mqajma mill-konvenut" mhix sorretta mill-atti proċesswali. Infatti jirriżulta mill-verbal tas-seduta tal-5 ta' Diċembru, 1984 li għall-konvenut saret trattazzjoni mid-difensur tiegħu fuq l-ewwel eċċezzjoni filwaqt li d-difensur ta' l-attur *nomine* ssottometta li l-kawża kellha titmexxa fuq il-binarju sempliċi ta' azzjoni kambjarja u li għalhekk l-eċċezzjonijiet issollevati mill-konvenut ma kinux ammissibbli f'din il-kawża. Sussegwentement għal din is-seduta saru seduti oħrajn li fihom saru trattazzjonijiet ulterjuri u anki ġiet ippreżentata nota ta' l-osservazzjonijiet tal-konvenut (fol. 13) fit-22 ta' Frar, 1985. Fis-seduta tat-28 ta' Ottubru, 1985, wara li d-difensuri ttrattaw l-Ewwel Onorabbli Qorti ddifferiet il-kawża" għas-sentenza fuq l-ewwel eċċezzjoni" bil-fakoltà lid-difensur ta' l-attur *nomine* li jippreżenta nota ta'

*riferenza* sat-18 ta' Novembru, 1985 bil-*visto* tad-difensur tal-kontroparti li kellu sat-18 ta' Diċembru, 1985 għar-risposta. Is-sentenza kellha tingħata fis-17 ta' Jannar, 1986. Fil-fatt is-sentenza ngħatat fit-18 ta' April, 1986;

Issa jidher evidenti mis-sentenza appellata li l-Ewwel Qorti ma rrestrinġietx il-konsiderazzjonijiet tagħha u l-parti dispositiva ta' l-istess sentenza għall-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut imma *investiet il-mertu kollu tal-kawża* u ddeċidet iż-żewġ eċċezzjonijiet tal-konvenut kif ukoll it-talbiet attriċi;

Illi kif diġà ddeċdiet din il-Qorti fis-sentenza tagħha tas-26 ta' Awissu, 1987 *in re:* Emanuel Bezzina *noe vs* Walter Bezzina dan ma setax isir mill-Ewwel Qorti għax jilledi l-prinċipju ta' ġustizzja naturali ta' l-*audi alteram partem*. Infatti l-Ewwel Qorti kellha tiddeċidi biss il-mertu ta' l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut u *xejn aktar. Fuq dik id-deċiżjoni l-konvenut kien ikollu dritt* ta' appell li potenzjalment seta' jwassal għal eżitu differenti b'mod li mbagħad kien ikun jista' jkompli jsostni l-każ tiegħu. Seta' wkoll ma jappellax u jkompli jsostni l-każ tiegħu fir-rigward tat-tieni eċċezzjoni kif ukoll ta' kull eċċezzjoni ulterjuri li kien ikun għadu fi stadju li jressaq. Dan kollu però ġie newtralizzat bis-sentenza appellata b'mod li l-konvenut ġie pprivat minn dawn id-drittijiet u kellu eċċezzjoni diġà intavolata li ġiet deċiża mingħajr *ma ngħata l-opportunità li jsostniha;*

F'dawn iċ-ċirkostanzi din il-Qorti m'għandhiex alternattiva ħlief li bħal ma għamlet fis-sentenza preċitata *in re* Bezzina *utrinque* tannulla s-sentenza appellata. Anqas ma hu l-każ li tiġi annullata parti biss mis-sentenza appellata għax mill-parti disposttiva jidher li l-Ewwel Qorti ddeċidiet mhux l-eċċezzjoni tal-konvenut iżda t-talbiet kollha attriċi;

Għal dawn il-motivi tilqa' l-preġudizzjali tan-nullità tas-sentenza ssollevata mill-appellant u konsegwentement tilqa' l-appell tiegħu billi tiddikjara s-sentenza appellata bħala nulla u għalhekk tirrinvija l-atti lill-Ewwel Qorti għall-kontinwazzjoni skond il-liġi. L-ispejjeż ta' din l-istanza jiġu ssopportati mill-partijiet nofs kull wieħed.